MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2013

Numru. 149/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND CASSAR**

**VS**

**CARMEL ZAMMIT**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel Zammit, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 504068 (M).

**Akkuzat talli:**

a) Fit-28 ta` Lulju, 2008, ghal habta tas-saghtejn ta` wara nofs inhar (14:00hrs), fi Triq San Giljan f'San Gwann, ikkommetta serq ta` flus kontanti ghad-dannu ta` Joanne Scicluna, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-vjolenza (Artikoli 261, 262 (b) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta);

b) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta` l-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Joanne Scicluna (Artikoli 86, 87, (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta);

c) U aktar talli fl-istess jum, f'dawn il-Gzejjer, xjentament xtara u/jew laqa` ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun iddahhal f'dawn il-Gzejjer biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti huma gejjin minn serq ikkwalifikati bil-valur li ma jeccediex €2,329.37 u bil-vjolenza (Artikolu 334 tal-Kapitolu 9);

d) Talli fl-istess data, hin, lok u cikostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni PIC455 liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) izda hija aktar minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u li saret ghad-deteriment ta` Joanne Scicluna (Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9);

e) U aktar talli fl-istess jum, hin u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt ta` serq, kellu fil-pussess tieghu arma improprja (Artikolu 64 (2) tal-Kapitolu 9);

f) U talli fl-istess zmien kisser kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. L. Quintano, LL.D., nhar l-4 ta` Gunju, 2007;

g) Talli ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini ta` Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu

9 tal-Ligijiet ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti rat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotta;

Rat il-fedina penali tal-imsemmi Carmel sive Charles Zammit;

Wara li rat l-Artikoli 261, 262 (b), 267, 86, 87 (1) (e), 334, 325 (b), 64 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, rat ukoll il-kunsens tal-AG tat-18 ta` Frar, 2009;
**Ikkunsidrat:**

Din il-kawza titratta dwar incident ta` serq li sehh fit-28 ta` Lulju, 2008, ghad-deteriment u ghad-dannu ta` certa Joanne Scicluna gewwa San Gwann. Dan is-serq sar bis-sekwestru ta` l-istess Scicluna u, matula, saru xi hsarat lill-vettura tal-vittma. Dan is-serq sar ukoll bl-utilizazzjoni ta` *tazer* li gie wzat fuq l-istess Joanne Scicluna. L-imputat huwa wkoll akkuzat talli laqa` ghandu hwejjeg misruqa (Artikolu 334) u bir-ricediva.

Illi ma jezisti l-ebda dubju li dan l-incident sehh hekk kif xehdet Joanne Scicluna. Nonostante l-identifikazzjoni posittiva ta` Scicluna l-unika difiza li setghet tingieb mid-difiza hija l-identifikazzjoni prekarja tal-imputat bhala l-persuna li wettqet dan l-incident mill-vittma. Prekarja, tghid id-difiza, minhabba zewg cirkostanzi ta` importanza kbira u cioe`:

1. Il-fatt illi l-imputat ibghati minn qtugh ta` nifs regolari minhabba mard fil-pulmun tieghu u l-fatt illi l-imputat ma

huwiex fi stat fiziku tajjeb bizzejjed sabiex huwa jkun jista` jigri distanza konsiderevoli stante li dan isofri minn mankament fiziku f'saqajh billi jzappap. Din id-difiza qiedgha tghidlu in vista tax-xhieda mghotija minn Joanne Scicluna meta xehdet li hija griet wara l-persuna li kien hadilha il-*purse* ghal distanza ferm twila u;

2. Il-mod ta` kif sar l-*identification parade* fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn il-ko-partecipanti f'din il-*parade* kienu jidhru carament illi kienu lkoll membri tal-Korp tal-Pulizija u xejn ma kienu jassomiljaw lill-imputat. It-*term bull* principju ma giex applikat mill-awtoritajiet organizzattrici.

Rigward punt 1 huwa veru li l-imputat ma tantx huwa kwadru ta` sahha. Huwa ibghati minn diffikulta ta` kif huwa jimxi u, ghalhekk, il-*gait* tieghu hija partikolari u identifikabbli u ghandu diffikultajiet fis-sistema pulmonari tieghu minhabba l-uzu fit-tul ta` diversi sostanzi stupefacenti u abbuz ta` *alcohol*. Dan kollu huwa medikament stabilit. Ergo l-argument tad-difiza li ma setghax kien il-patrocinat taghha li wettaq dan ir-reat ghaliex huwa zgur ma jiflahx ghall-girja li kellu jaghmel ghaliex il-vittma griet warajh distanza twila.

Illi l-imputat ghandu passat xejn felici u, f'diversi okkazzjonijiet u hafna minnhom huwa diga gie misjub hati ta` diversi reati minn Qrati kompetenti u gie kkundannat piena approprija. Illi, ghalhekk, milli jidher, dawn l-impedimenti fizici qatt ma kienu ta` intratc fil-karriera kriminali tieghu tul iz-zminijiet kif, dina l-Qorti hija konvinta, illi ma kienux anke f'dan l-incident.

Illi wkoll wiehed m'ghandux jinsa li dan l-incident ma kienx wiehed ta` sekonda jew tnejn izda dam ghaddej ghal zmien konsiderevoli, bejn circa sitta (6) u seba` (7) minuti. Beda bil-vittma hdejn l-ATM *machine* tipprova tigbed xi flus bl-aggressur warajha. L-aggressur imissa darba, darbtejn b'*tazer* illi jghati xokk elettriku, biha tigri lura lejn

il-karozza taghha li hija kienet ipparkjat in-naha l-ohra tat-triq u hallietha bit-tieqa miftuha, bl-aggressur jimxi warajha u johdilha l-*purse* li kien qieghed fuq il-*passenger seat* bit-tieqa miftuha, bl-aggressur jigri l'hemm segwit bil-giri minn Scicluna. Waslu t-tnejn hdejn l-isptar Mater Dei fejn Scicluna kkonfrontat wicc imb'wicc lill-aggressur taghha u damet tkellmu ghal zmien sostanzjali. Jekk tezisti persuna li tista` pozittivament tiddentifika lill-aggressur taghha hija, definittivament Joanne Scicluna illi, ghall-hin tawwali kellha l-opportunita` li tistudja l-fattizzi tal-aggressur taghha matul il-konversazzjoni li huma kellhom. Dan nonostante li l-imputat kien liebes nuccali tax-xemx u beritta bajda. Wiehed ma jistghax jinsa d-dikjarazzjoni li ghamlet Scicluna fil-mument illi hija setghet tidentifika lill-agressur taghha "whenever"!

Illi l-istess argument jista` jintuza ghall-eccezzjoni numru 2 illi qajmet id-difiza. Illi Scicluna hija l-unika persuna n-grad illi tiddentifika lill-aggressur taghha. Ma tresqux xhieda okulari ohra. Ukoll, wiehed ma jistghax jinsa d-determinazzjoni dwar il-kapacita` taghha li tidentifika lill-aggressur taghha *whenever*. Zewg punti ohra li l-Qorti tixtieq ittenni huma:

1. Il-fatt illi, ghall-*identification parade*, attenda l-Magistrat Inkwirenti li, bilfors, ghandu jassikura li l-proceduri qiedghin jigu mehuda skond il-Ligi u;

2. Il-fatt illi dina l-Qorti rat ir-ritratti tal-*identification parade* u illi, waqt li xi membri maghzula m'humiex idonei sabiex ikunu hemm stante li minn xi somiljanza u mit-tul m'ghandhomx x'jaqsmu mal-imputat, ohrajn huma vera simili u jixbhu ferm lill-imputat sia fil-fattizzi u sia fi statura.

Illi seta` jista` jkun ta` ghajnuna enormi Dr. Martin Bajada bir-relazzjoni tieghu li kien ezami ta` *comparison* bejn l-imputat u r-ritratt tal-persuna li kien wara Scicluna meta hija kienet qed tileva xi flus mill-ATM *machine* u li l-istess Scicluna identifikat bhala l-agressur taghha. Waqt illi din il-Qorti tiddikjara li hija rat lil dawn ir-ritratti li, ghaliha huma carissimi, il-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku f'dan il-kaz,

huma inkonklussivi. Minhabba f'hekk, wiehed ghandu joqghod iktar u iktar, fuq l-identifikazzjoni ta` Joanne Scicluna, il-vittma u l-unika xhud okulari tal-*event* iktar u iktar meta din ukoll ikkummentat dwar il-*gait* partikolari tal-agressur taghha meta hija xehdet.

Illi, ghalhekk, minhabba dawn il-motivi u wara li rat il-provi prodotti u wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi d-dokumenti esibiti inkluzi dawk medikali, din il-Qorti ma ghandha l-ebda ombra ta` dubju li l-imputat huwa responsabbli talli twettaq dan l-incident. Ghalhekk, qieghdha ssibu hati talli, fit-28 ta` Lulju 2008, wettaq serq ta` mija u hamsin ewro (€150) ghad-dannu ta` Joanne Scicluna gewwa San Gwann liema serq huwa aggravat bi vjolenza. Illi, wkoll, din il-Qorti ssibu hati talli zamm lil Joanne Scicluna kontra r-rieda taghha u talli kkawzala hsarat fil-vettura taghha li jammontaw ghal mija tlieta u ghoxrin ewro u erbgha u disghin ewro centezmi (€123.94) u cioe` ksur ta` mera. Illi din il-Qorti wkoll issib lill-imputat hati talli kellu fil-pussess tieghu waqt l-incident stanga u *tazer gun* liema, ta` l-ahhar, dan uza fuq Scicluna. Ir-ricediva giet ukoll ippruvata kief giet ukoll ippruvata li kiser kundizzjonijiet impost fuqu b'sentenza tal-Magistrat Dr. L. Quintano, LL.D., tal-14 ta` Gunju, 2007.

Illi fir-rigward tal-piena din il-Qorti, wara li rat l-atti, wara li rat il-fedina penali tal-imputat u rat li kien hemm nuqqas ta` kooperazzjoni mill-istess imputat mal-Pulizija kif ukoll li waqt l-incident mertu ta` din il-kawza kienet intuzat il-vjolenza, f'dan il-kaz din il-Qorti thoss li perjodu ta` prigunerija effettiva ghandha tkun inflitta fuq l-akkuzat.

Ghaldaqstant minhabba r-ragunijiet imsemmija, din il-Qorti tikkundanna lill-imputat tlett (3) snin prigunerija effettivi. Il-Qorti tirrakomanda li l-imputat iservi dan il-perjodu ta` prigunerija gewwa l-Forensic Unit taht il-kura ta` Dr. Spiteri.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------